MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 92/2005

Emidio u Catherine konjuġi Azzopardi .

vs

Avukat Dottor Mario Scerri li b'degriet tal-21 ta' Ottubru, 2005 ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti William Zappa .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fis-sbatax (17) ta' Awissu elfejn u ħamsa (2005) għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' fil-għodu (5.30 am) waqt li l-attur Emidio Azzopardi kien qed isuq il-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru tar-reġistrazzjoni EMI 010 (ittri EMI numri zero wieħed zero), fi Triq Rabat, Marsalforn, limiti

ta' Żebbuġ, Għawdex, huwa safa' investit mill-vettura Austin metro, numru tar-reġistrazzjoni IAW 296 (IAW tnejn disgħa sitta) misjuqa mill-konvenut, illi kienet ġejja fid-direzzjoni opposta, iżda kompletament fuq il-karreġġjata tal-esponenti ;

Illi per konsegwenza ta' dan l-inċident il-konvenut ikkaġuna danni inġenti fil-vettura tal-atturi - illi effettivament ġiet daneġġjata '*beyond economical repair'* kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

Illi effettivament għall-inċident fuq imsemmi jaħti unikament u esklussivament il-konvenut, minħabba sewqan imprudenti da parti tiegħu, minħabba illi huwa naqas illi jżomm 'a proper look out', kif ukoll naqas li josserva r-regolamenti tat-traffku, u minħabba wkoll illi invada l-karreġġjata proprja tal-esponenti ,

Illi l-atturi sofrew danni per konsegwenza tal-imsemmi inċident konsistenti f'danni emerġenti kif ukoll dawk lucri cessanti ;

Illi l-atturi jridu illi jiġu kumpensati ta' dawn id-danni .

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lucri cessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

3. Tikkundannak tħallas dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Awissu, 2005, u tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratriċi tiegħek .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Emidio Azzopardi .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriserva li jaghmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lilu l-indirizz fl-esteru tal-konvenut William Zappa u jirnexxilu jikkomika miegħu u jsir jaf aħjar mingħandu l-verżjoni tiegħu dwar il-fatti in kawża ;

2. Illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura ;

3. Illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollati lill-atturi ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża fejn l-attur qed jirreklama d-danni li ġarrab minħabba ħsarat fil-vettura tiegħu per konsegwenza ta' kollizjoni li seħħet bejn il-vettura tiegħu u karozza misjuqa minn ċertu William Zappa, ta' nazzjonalita' taljana, kif rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-konvenut nomine . Dan l-inċident ġara fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Għawdex, it-triq li mir-Rabat tieħu għal

Marsalforn, kmieni filgħodu meta kien għadu ma sebaħx, ftit 'l fuq minn fejn issib l-ewwel dar int u dieħel f'Marsalforn .

Mill-okkorrenza relattiva għal dan l-inċident stradali[1], jirriżulta illi *a tempo vergine* l-partijiet taw lis-surgent Emanuel Cilia, li kien qed jinvestiga dan il-każ, is-segwenti verzjonijiet tagħhom:

Emidio Azzopardi qal :

"*Kont ġej min-naħa tar-Rabat sejjer lejn Marsalforn, fuq in-naħa tax-Xellug tat-triq, meta f'daqqa waħda l-vettura IAW 296 li kienet ġejja minn faċċata kisret għal fuq in-naħa tiegħi u ħabtet ġo fija, u x-xufier tal-vettura telaq minn fuq il-post*."

William Zappa da parti tiegħu qal :

"*I was driving along Marsalforn Road from the direction to Rabat.I lost control of the vehicle and collided with the other car that was coming from the opposite direction*."

Fl-affidavit tiegħu quddiem din il-Qorti, l-attur reġa' kkonferma din il-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-inċident[2] . Il-konvenut baqa' ma xehedx u xhieda okulari ma kienx hemm .

Minn eżami ta' l-iskizz redatt mis-surġent Cilia,[3] jidher illi in segwitu għall-ħabta, iż-żewġ vetturi nstabu fuq il-karreġġjata li fiha kien għaddej l-attur, u l-frak u *debris* indikattiv ta' li *spot of impact*, ma' l-art x'imkien bejniethom . Jidher għalhekk illi l-kolliżżjoni seħħet għal kollox fuq il-karreġġjata li minnha kien għaddej l-attur . *Brake marks* ma ġewx indikati u għalhekk jidher ukoll illi l-attur anqas biss kellu opportunita' jieħu xi *evasive action* biex jittenta jevita l-ħabta . Minn naħa l-oħra ma rriżultax x'kienet ir-raġuni għaliex il-karozza misjuqa mill-konvenut spiċċat *on the wrong side of the road .* Fi kwalunkwe każ pero' huwa

[1] Dok . A a fol. 5 - 7 tal-process .
[2] a fol. 29 - 30 tal-process .
[3] a fol. 8 tal-process

ovvju illi l-aġir tal-konvenut kien il-kaġun immedjat ta' din il-kolliżżjoni . Minn naħa l-oħra l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sewqan ta' l-attur . Għalhekk jaħti unikament il-konvenut u konsegwentement għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrab l-attur minħabba dan l-aġir traskurat tiegħu .

Id-danni reklamati mill-atturi, kif jirriżulta mill-atti proċesswali, huma l-valur tal-karozza tagħhom li ġarrbet ħsarat konsiderevoli kif jirriżulta mis-*surveyor's report,* fejn anke ġiet dikjarata *a total loss*[4] *.* Mill-istess rapport, kif konfermat minn Tarcisio Mercieca bil-ġurament tiegħu *seduta stante,*[5] jirriżulta illi l-*market value* tal-vettura ta' l-atturi, dakinhar ta' l-inċident kienet ta' disat'elef lira maltija (Lm9000) . Imma in segwitu għall-ħabta, din spiċċat *beyond economic repair* u għalhekk is-*salvage value* tagħha spiċċa niżel għal elfejn u ħames mitt lira maltija (Lm2500) . Irriżulta wkoll illi din il-vettura spiċċat iggaraxxjata mill-attur u m'hu qed isir ebda użu minnha[6] . Dawn il-valutazzjonijiet ma ġewx kontestati u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex taċċettahom . Għalhekk jiġi illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur id-differenza bejn il-valur tal-vettura qabel il-ħabta u l-valur tagħha wara l-istess ħabta, u ċioe' : LM9000 - Lm2500 = Lm6500 .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. Tiddikjara lil William Zappa, kif rappreżentat fil-kawża mill-konvenut nomine, unikament responsabbli għall-inċident stradali msemmi fiċ-ċitazzjoni ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minħabba dan l-inċident fis-somma ta' sitt elef u ħames mitt lira maltija (Lm6500), u

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-atturi din is-somma .

---

[4] ara Dok.B a fol. 11 tal-process .

[5] a fol. 40 - 41 tal-process

[6] ara depożizzjoni ta' l-attur a fol. 65 - 66 tal-process, u dik tal-konvenut nomine a fol. 67

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja ta' l-20 ta’ Awissu 2005 u ta’ l-ittra ufficċjali ppreżentata kontestwalment mal-kawża kontra d-ditta assikuratriċi tal-konvenut, kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------